TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

9

Avviż Numru CCT 198/17/F

**Alexander Schembri**

**vs**

**Paul Ciantar**

Illum 31 t'Awwissu, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mija, u sebgħa u erbgħin ewro (€647), rappreżentanti prezz ta' aircondition fil-ħames snin garanzija.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi 4 snin wara li xtara l-aircondition, ġralu l-ħsara. Illi minkejja li marru diversi drabi, l-aircondition issewwa pero' xorta baqa' bil-problemi sal-lum.

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti għamel użu għal żmien mhux ħażin tal-aircondition u kull aircondition unit għandu lifespan, pero' żgur illi tul dawn il-ħames snin ma kellux ikollu dawn il-ħsarat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888